# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 5**

**Rikors numru 93/08/1 BS**

**Mary Rose Camilleri u b'digriet datat 14 ta' Awwissu 2020 l-atti ġew trasfużi f'isem Francis *sive* Frans Camilleri *stante* l-mewt tal-attriċi Mary Rose Camilleri**

**v.**

**Joseph Camilleri u b'digriet datat 14 ta' Ġunju 2012 l-Avukat Dr. Joseph Grech ġie nominat bħala kuratur *ad litem* sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-mejjet konvenut Giuseppe Camilleri, Anselmu Camilleri, Carmen Vella Haber u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2023 l-atti tal-proċeduri ġew trasfużi f'isem Joyce Darmanin, Frances Arpa u Michael Vella Haber *stante* l-mewt ta' Carmen Vella Haber, Francis Camilleri f'ismu proprju u bħala prokuratur ta' ħutu l-imsifrin Wilfred Camilleri, Joe Camilleri u Mary Rita Zammit neé Camilleri u b'digriet tat-18 ta' Jannar 2023 Owen Camilleri assuma l-atti bħala prokuratur ta' Wilfred Camilleri, Joe Camilleri u Mary Rita Zammit**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-attriċi fit-2 ta' Settembru, 2008, illi permezz tiegħu ngħad:

"Illi Anthony Camilleri li miet ġuvni, improle u intestat fis-27 ta' Diċembru 2006;

Illi l-werrieta ab intesato tiegħu huma l-attriċi u l-konvenuti Joseph Camilleri, Anselmu Camilleri, Carmen Vella Haber, u wlied Angelo Camilleri, li miet qabel id-decujus fil-11.07.1976 u għalhekk wirtu lid-decujus uliedu Francis, Wilfred, Joe, u Mary Rita Vella, ilkoll aħwa Camilleri;

Illi l-attriċi għal diversi snin irrendiet serviġi, kuri u assistenzi lill-imsemmi Anthony Camilleri tul ħajtu, li huma ta' natura u entità tali li għandhom jiġu retribwiti u dan nonostanti d-diversi promessi tiegħu li ser jinkompensaha tal-istess serviġi, kuri u assistenzi;

Illi l-konvenuti ġew interpellati biex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tal-imsemmija serviġi iżda baqgħu inadempjenti.

Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara illi l-attriċi rrendiet serviġi, kuri u assistenzi lil Anthony Camilleri li għalihom jistħoqqilha kumpens;

2. Tillikwida l-kumpens ġust u xieraq dovut lill-attrici in linea ta' serviġi, kuri u assistenzi resi lill-istess Anthony Camilleri;

3. Tikkundanna lill-konvenuti bħala eredi tal-mejjet Anthony Camilleri sabiex iħallsu lill-attriċi s-somma ta' kumpens hekk likwidata.

Bl-imgħaxijiet skont il-liġi u bl-ispejjeż, kontra l-konvenuti li huma inġunti minn issa għas-subizzjoni".

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti Anselmu Camilleri u Carmen Vella Haber, ippreżentata minnhom fit-22 ta' Ottubru, 2008, illi permezz tagħha eċċepew:

"1. Illi d-domandi attriċi huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, għaliex mhux minnu illi l-attriċi rrendiet xi serviġi, kuri u assistenzi lil Anthony Camilleri illi jimmeritaw illi jiġu kumpensati. Dan għaliex l-attriċi nnifisha hija wkoll eredi tad-decujus, u s-serviġi, kuri u assistenzi illi hija rrendiet lil Anthony Camilleri ma kinux jeċċedu b'xi mod, fil-konsistenza, jew il-kwalità l-għajnuna prestata lilu mill-qrabat l-oħra tiegħu, fosthom,

> anzi probabilment, l-aktar, minn Carmen Vella Haber u Anselmu Camilleri;
>
> 2. Illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, kull dritt għall-ħlas ta' kumpens rigward kwalsiasi serviġi illi l-attriċi Mary Rose Camilleri setgħet irrendiet lil Anthony Camilleri, u illi b'xi mod jimmeritaw illi jiġu kumpensati, aktar kmieni mill-1 ta' Ottubru 2003 illum jinsab kolpit bil-preskrizzjoni estintiva ta' ħames snin ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.
>
> 3. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt".

3. Rat illi l-konvenuti Joseph Camilleri u Francis Camilleri f'ismu proprju u bħala prokuratur ta' ħutu l-imsifrin Wilfred Camilleri, Joe Camilleri u Mary Rita Zammit neé Camilleri, ma ppreżentaw l-ebda risposta għat-talbiet attriċi.

4. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali tas-26 ta' Novembru, 2021, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż tal-proċeduri jibqgħu a karigu tal-attriċi.

5. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Din hija kawża għall-ħlas ta' kumpens għas-serviġi reżi mill-attriċi lil-ħuha Anthony Camilleri. Is-serviġi allegatament reżi lil Anthony Camilleri baqgħu jiġu hekk reżi sakemm dan miet fis-27 ta' Diċembru 2006.
>
> Jirriżulta illi għalkemm Anthony Camilleri miet ab intestato, il-liġi rrikonoxxiet bħala l-werrieta tiegħu lil ħutu ossia lill-attriċi Mary Rose Camilleri, lilll-konvenuti Joseph, Anselmu u Carmen Vella Haber, ilkoll

aħwa Camilleri u lill-konvenuti l-oħra Francis, Wilfred, Joe u Mary Rita Vella lkoll aħwa Camilleri u ulied Angelo Camilleri li miet fil-11 ta' Lulju 1976.

Fl-affidavit tagħha l-attriċi tispjega illi hija baqgħet xebba u flimkien ma' ħutha l-oħra Ursola, xebba, u Anthony u Anselmo, ġuvintur, baqgħu jgħixu flimkien fid-dar tal-ġenituri. Tgħid illi Anthony Camilleri marad għall-ħabta tas-sena 1992 u minn dakinhar bdiet tieħu ħsiebu għaliex skont hi "*ma kienx ta' min jafdah*". Fissret illi ta' kuljum kienet tgħinu jqum mis-sodda, tlestilu t-te, tgħinu jpoġġi fil-pultruna, twasslu sal-kamra tal-banju, taħslu, issajjarlu, titimgħu u anki taħsillu l-ħwejjeġ. Tgħid illi ħuha kien fih persuna u kienet iebsa għalija tqandlu min naħa għal oħra. L-attriċi spjegat ukoll illi lil ħuha ma kinitx tħallih waħdu u għalhekk spiċċat ġiet f'sitwazzjoni li lanqas ma kienet tista' mqar tmur tixtri tant li kien ikollha tinqeda b'*delivery* inkella titlob lil-ġirien jaqduha u sakemm tmur tisma' quddies kienet tħalli lil ħuha fil-kumpannija tal-ġar tagħhom Karmenu Mercieca.

Fl-aħħar erba' snin ta' ħajtu Anthony Camilleri ġie *bed ridden* u feġġewlu anki xi *bed-sores*. Matul dawn l-erba' snin l-attriċi kienet tirrikorri għall-għajnuna ta' Charlie Mifsud li kien jassisti fid-diversi bżonnijiet ta' Anthony Camilleri fosthom tibdil tal-ħrieqi u ħasil personali.

Anthony Camilleri kien jgħaddi l-pensjoni tiegħu kollha lill-attriċi oħtu għall-fini li din ikollha l-flus sabiex tħallas għall-ispejjeż. L-attriċi tgħid illi kienet tonfoq bil-galbu sabiex il-flus ta' ħuha jservu għall-bżonnijiet tiegħu.

L-attriċi tilmenta mill-fatt illi għalkemm Anthony Camilleri kien iwiegħda li ser jaħseb fiha fit-testment u li saħansitra kien sejjer iħallilha biċċa art fi Triq il-Wileġ, Qala, fl-aħħar mill-aħħar irriżulta li ma kien ħallielha xejn. Tgħid illi apparti li kien jitlob għaliha u jirringrazzjaha verbalment, ħuha qatt ma kien taha xejn għal dak illi kienet tagħmel miegħu. L-attriċi tippretendi li hi għandha tiġi kkumpensata għal dak kollu li għamlet ma' ħuha u għal kemm iċċaħdet hi personalment sabiex iddur bih.

Għal kull buon fini, jingħad illi l-assistenza li l-attriċi tat lil ħuha Anthony Camilleri ġiet konfermata wkoll minn ħuha, l-konvenut Joseph Camilleri li ddikjara li qiegħed jirrikonoxxi l-fatt li l-attriċi "*tat hafna assistenza lil hija Anthony u ssagrifikat hafna minn hajjitha ghalih"* u li hu lest iħallas lill-attriċi għall-kuri u serviġi reżi lil Anthony Camilleri. L-istess fehma hija kondiviża mill-konvenut Francis Camilleri li wkoll iddikjara li lest jirrikonoxxi l-kura u serviġi reżi mill-attriċi lil Anthony Camilleri.

L-aktar xhieda importanti hija dik ta' Charles Mifsud li ilu midħla tal-familja Camilleri. Mifsud xehed illi hu kien jassisti ħafna fil-bżonnijiet li kien ikollhom l-aħwa Camilleri għaliex l-attriċi lilu kienet issejjaħ għall-għajnuna. Jgħid illi l-attriċi dejjem id-dar kienet tkun tieħu ħsieb ix-xogħol tad-dar u tieħu ħsieb ħuha Anthony Camilleri. Spjega illi l-attriċi kienet tagħmel il-faċendi tad-dar u tieħu ħsieb it-tisjir u l-ħasil tal-

ħwejjeġ tagħha u ta' ħutha Anthony u Ursula aħwa Camilleri. Spjega illi wara l-mewt ta' Ursola u meta l-attriċi ma kinitx tkun tiflaħ hu kien jagħmel ix-xogħol tad-dar fis-sens illi jagħmel il-faċendi u l-bżonnijiet kollha. Jgħid illi hu personalment kien idur b'Anthony Camilleri billi jaħslu, jitimgħu, ibiddillu l-ħarqa, jifrixlu s-sodda u jaħsillu l-kamra u saħansitra keffnu hu stess. Spjega illi kien qiegħed jagħti l-għajuna tiegħu prattikament fuq bażi ta' erbgħa u għoxrin siegħa kuljum għal sebat ijiem fil-ġimgħa. Mifsud kien jgħin lejl u nhar skont ma jkun il-bżonn. Kien ikun id-dar tal-aħwa Camilleri bejn it-tmienja ta' filgħodu u nofsinhar u bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar u t-tmienja ta' filgħaxija. Meta kien ikun xogħol kien jisbaħ għand l-aħwa Camilleri fil-ħamsa u nofs ta' filgħodu sabiex jilħaq jaħsel u jlesti lil Anthony Camilleri qabel jidħol għax-xogħol imbgħad għal ħabta ta' nofsinhar kien jitlob permess biex jillarga ftit mix-xogħol ħalli jerġa jmur jassisti lil Anthony Camilleri. It-tabib John Xuereb Dingli wkoll ikkonferma li Charles Mifsud kien dejjem ikun preżenti meta hu jmur iżur lil Anthony Camilleri u li x-xogħol l-iebes Charles Mifsud kien jagħmlu għaliex l-attriċi "*Hi dghajfa, ghandha z-zmien taghha wkoll*."

Xehdu wkoll diversi persuni oħra li kienu qrib il-familja Camilleri fejn dawn ikkonfermaw l-assistenza kbira li l-attriċi kienet tagħti lil ħuha li fl-aħħar snin ta' ħajtu spiċċa *bed-ridden* u ma kien kapaċi jagħmel xejn waħdu. F'dan ir-rigward it-Tabib John Xuereb Dingli xehed illi li kieku ma kienx għall-attriċi Anthony Camilleri kien jispiċċa fi sptar għaliex "*ma kienx fi stat tajjeb xejn*" u "*ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu, kien bed ridden*" tant li anki l-attriċi kienet tirrikorri għall-għajnuna ta' Charles Mifsud.

Il-konvenuta Carmen Vella Haber u Anselmo Camilleri kkonfermaw illi fl-aħħar tlieta jew erba' snin ta' ħajtu Anthony Camilleri kellu bżonn l-għajnuna għaliex l-età bdiet tagħmel tagħha u fl-aħħar perijodu spiċċa wkoll *bedridden*. Żiedu jgħidu illi matul dawn l-aħħar snin l-attriċi oħthom ħakmitu b'tant li ħadd ma seta' jkellmu liberament u hi dejjem kienet tagħmel mezz tkun preżenti meta jiġi xi ħadd iżuru.

Carmen Vella Haber xehdet ukoll illi t-tisjir dejjem kien f'idejn l-attriċi. Il-konvenuta Carmen Vella Haber u wliedha jpenġu l-kura u attenzjoni prestati mill-attriċi lil ħuha Anthony bħala sitwazzjoni kkawżata minn obbligazzjoni li l-attriċi kellha fil-konfront ta' ħuha. Fl-ewwel lok għaliex hu kien jaħdem u kien iħallas il-bolla tal-attriċi biex jassigura li eventwalment ikollha pensjoni u fit-tieni lok għaliex kien jagħtiha l-pensjoni tiegħu kollha.

Jirriżulta illi Anthony Camilleri kien iħallas il-bolla tal-attriċi bl-iskop illi la darba tilħaq l-età tal-pensjoni din ikollha pensjoni u għalhekk ikollha biex tgħix. Jidher illi din kienet familja magħquda fejn wieħed jgħin lill-ieħor skont il-bżonn. Hekk jidher li kien il-każ kull meta l-konvenuta Carmen Vella Haber fetħet il-bieb tagħha u laqgħet lil ħutha ġewwa darha f'Malta għal kemm tul ta' żmien kien meħtieġ. Fil-fatt, Anthony Camilleri għamel żmien jgħix ma' oħtu Carmen sakemm kien jinsab

jaħdem ġewwa Malta. Ta' dan Carmen Vella Haber qatt ma talbet ħlas, anzi kienet hi stess li kienet tgħin lil ħutha bħal meta għamlet tajjeb sabiex issifirhom magħha għal xi btala.

Huwa minnu illi fis-siegħa tal-prova, meta saħħet Anthony Camilleri marret għall-agħar u kien jeħtieġ aktar kura u attenzjoni, kienet l-attriċi li kienet tkun preżenti d-dar kontinwament. Mill-banda l-oħra, mill-provi akkwiżiti jidher ukoll illi l-attriċi kienet teżerċita ċertu element ta' pussess u dominanza ġewwa d-dar fejn kienet tgħix u fuq ħutha li kienu jgħixu magħha tant li jidher li kien isir dak illi trid hi u ma kinitx taċċetta għajnuna la mingħand ħutha Carmen Vella Haber u Anselmo Camilleri u lanqas mingħand in-neputijiet. Jidher biċ-ċar illi l-attriċi kienet tippreferi tirrikorri għall-għajnuna tal-barranin partikolarment dik li kien jagħtiha Charles Mifsud li skont ma xehed kien joffri l-għajnuna tiegħu kontinwament.

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni

Il-konvenuti eċċepew illi l-azzjoni attriċi hija milquta bil-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Id-dispożizzjoni tipprovdi illi *"l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu iehor li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku*" jaqgħu bi preskrizzjoni bl-għeluq ta' ħames snin.

Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza patria illi talba għall-ħlas ta' serviġi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali anki jekk is-serviġi jkunu ġew reżi b'mod kontinwu.

Fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Marzu 2010 fl-ismijiet Maria Lourdes Brincat vs Giuseppe Brincat et, il-Qorti Ċivili osservat illi:

> *"Il-pozizzjoni hija li jekk servigi huma rikonoxxuti, dawn ghandhom jigu provvduti ghaz-zmien kollu li fih gew imwettqa servigi u mhux biss ghall-ahhar hames snin. Hija biss jekk ikun hemm l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni li l-kuncett ta' l-ahhar hames snin japplika. Dan jirrizulta bl-aktar mod car mis-siltiet li ser jigu ikkwotati mis-sentenza fl-ismijiet Vella Carmelina et vs Borg Anthony nomine, deciza mill-Appell Civili Superjuri fis-16/09/1994 (Vol LXXVIII-II-I-260): L-azzjoni attrici hija ghall-hlas ta' kumpens ta' servigi allegatament rezi milll-attrici Carmelina Vella matul numru ta' snin lill-mejjet Anthony Borg imsemmi fl-atti ta' citazzjoni, liema kumpens irid jigi llikwidat minn din il-Qorti. M'hemmx dubju illi ghal kreditu ta' din ix-xorta hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin ikkontemplata mill-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, Kap. 16, u f'dan ir-rigward huwa sufficjenti illi ssir riferenza ghas-sentenza ccitata mill-konvenut nomine fil-paragrafu 1(d) tan-nota ta' osservazzjonijiet tieghu (App. Civ. 23-1-59, "George Portelli vs Nicola Galea", Vol. XLIII, P.I, p.66); …*
>
> *Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditur tieghu u li kontra tieghu tkun bdiet timxi l-*

*preskrizzjoni. Huwa risaput ukoll li, fil-kaz li t-terminu tal-preskrizzjoni jkun digà ddekorra, ir-rikonoxximent tad-debitu jekwivali ghal rinunzja ghall-effetti tal-preskrizzjoni. Ghandu jinghad ukoll illi l-interruzzjoni, kif ukoll ir-rinunzja, ghall-preskrizzjoni, javveraw ruhhom ukoll meta r-rikonoxximent ma jkunx sar fil-konfront ta' dejn likwidu. Dana jigri meta jkun sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-hlas izda ma jkunx sar rikonoxximent ta' l-obbligu tal-hlas ta' somma ta' flus determinata u specifika. Infatti, huwa accettat fil-gurisprudenza u fid-dottrina, illi rikonoxximent jista' jkun ukoll "illiquido" kif isejjahlu l-GIORGI. (Ara Kollez. Vol XXXIV – II – 742)"*

Il-perjodu ta' preskrizzjoni kontemplat taħt l-Artikolu 2156(f) huwa ta' natura estintiva li jekk ippruvat iwaqqa' l-pretensjonijiet attriċi fir-rigward ta' kumpens għal żmienijiet li jmorru lura aktar minn ħames snin. L-oneru tal-prova f'dan il-każ huwa fuq l-attur illi in difiża għall-eċċezzjoni li jinsab jirrinfaċċja jeħtieġ jagħmel il-prova illi kien hemm rinunzja jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Fil-każ tal-lum jirriżulta illi Anthony Camilleri miet intestat u għalhekk ma jirriżultax illi ħalla favur l-attriċi xi laxxitu bħala rikonoxximent lejn l-attriċi għal serviġi li din setgħet irrendietlu.

Wara li qieset il-provi kollha l-Qorti ssib illi ma tirriżulta ebda prova li twassalha sabiex tikkonkludi fuq bilanċ ta' probabilitajiet illi d-decujus Anthony Camilleri aċċetta jew irrikonoxxa li kien debitur tal-attriċi għas-serviġi reżi lilu. Għalkemm l-attriċi tgħid illi ħuha Anthony kien iwiegħda li ser jaħseb fiha u li saħansitra kien sejjer iħallilha biċċa art, mill-atti ma tirriżulta ebda prova li tissostanzja d-dikjarazzjoniet tal-attriċi.

Fil-każ tal-lum jidher illi nonostante illi Anthony Camilleri miet fis-27 ta' Diċembru 2006, l-attriċi baqgħet passiva sakemm b'rikors tat-2 ta' Settembru 2008 fetħet il-kawża tal-lum.

Ferm il-premess, il-Qorti qegħda tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 għall-ħames snin li jippreċedu t-2 ta' Settembru 2008. Għalhekk kull pretensjoni attriċi li tmur aktar lura fiż-żmien mit-2 ta' Settembru 2003 hija milquta bil-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16.

L-azzjoni għall-ħlas ta' serviġi

Il-kumpens għal serviġi jitnissel mill-fatt illi meta persuna tippresta ruħha u tagħti kura u attenzjoni din tkun qiegħda tagħti vantaġġ lill-persuna li tkun qiegħda tirċievi u tibbenefika minn dawk il-prestazzjonijiet. L-għotja ta' serviġi għandha mill-għamla tal-kważikuntratt li fit-termini tal-Artikolu 1012 tal-Kap 16 huwa meqjus bħala "*fatt lecitu u volontarju, li minnu tohrog obbligazzjoni lejn persuna ohra, jew obbligazzjoni tal-partijiet lejn xulxin*."

Il-ħlas għal serviġi reżi mhuwiex fost l-atti kkontemplati taħt l-Artikolu 1233(1) tal-Kodiċi Ċivili u għalhekk mhux meħtieġa l-prova illi l-wegħda għall-kumpens issir permezz ta' att pubbliku jew skrittura privata.

Huwa ormai prinċipju aċċettat fil-ġurisprudenza nostrana illi kull għamla ta' serviġi għandhom jiġu meqjusa bħala li ġew reżi bl-aspettattiva ta' kumpens salv fejn jirriżulta b'mod konklussiv u inekwivoku illi min irrenda s-serviġi għamel dan gratwitament u mingħajr speranza ta' kumpens. Dan il-prinċipju huwa rikonoxxut illi japplika anki f'każ fejn is-serviġi ġew reżi minn persuna għal oħra li huma imparentati bejniethom.

Fis-sentenza fl-ismijiet 'Giuseppina Deidun et vs Emilia Poggi et' deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Ottubru 1954 ingħad is-segwenti:-

> *"Il-kumpens ghal servigi prestati jista' jkun dovut mhux biss "jure actionis", jew meta jkun pattwit, imma wkoll "officio judicis" jew meta c-cirkustanzi juru car illi min ippresta s-servigi kellu l-intenzjoni li jithallas ghalihom. Il-prestazzjoni tas-servigi mhix presunta li tkun saret gratuwitament, u l-intenzjoni tal-gratuwità u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment. U fil-gurisprudenza recenti, anki ghar-rigward tal-parenti, huwa applikabilii l-principju li kwalunkwe servigi jigu ritenuti prestati bi speranza ta' kumpens, jekk ma jikkonkorrux cirkustanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwità, sija pure meta hemm relazzjonijiet ta' parentela. Jekk il-provi juru li, meta gew prestati s-servigi, min irrendihom ma kellux intenzjoni li jithallas ghalihom, ma hemmx lok ghall-kumpens".*

*Dak li hu importanti li ghandu jigi ezaminat, biex wiehed jara ghandux ikun hemm kumpens jew le, huwa l-mument meta gew prestati s-servigi; u cirkustanzi sussegwenti ma joperawx retroattivament biex joholqu dritt li ma kienetx intenzjoni tal-partijiet interessati li joholqu.*[1]

Fil-kawża fl-ismijiet Ivy Angus vs. Joseph Calleja noe li kienet deċiża mill- Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Frar 1958 kien osservat illi :-

> *"Azzjoni ghall-hlas ta' kumpens ghal servigi rezi, skont il-kunsens unanimi tal-gurisprudenza nostrali; hija bazata guridikament fuq il-kwazi-kuntratt, u unanimement fuq il-prezunzjoni li min jassoggetta ruhu biex jaghmel servigi lil haddiehor jaghti dak l-istess xoghol bl-iskop li jithallas, ammenokkè ma jkunx ghamlu bi skop umanitarju biss, bla ebda hsieb li jkun kompensat, jew li jaghti dak l-istess servizz lil xi persuna tal-familja tieghu "familiaritatis sive pietatis causa"; f'liema l-ahhar ipotesi, min jirreklama s-servigi jrid ibieghed minnu dik l-istess prezunzjoni, li jkollha aktar sahha, sabiex ikollu success fl-azzjoni li huwa jintenta. Certament, l-intenzjoni tas-serventi li jithallas u tal-persuna servuta li tirrikompensa lil min serviha, huma ta' importanza f'kawzi bhal dawn; kif ukoll mhux ta' min jittraskura l-istat finanzjarju tant tal-persuna serventi kemm tal-persuna servuta; l-ghaliex, tant mill-punto*

[1] Ara wkoll: Zammit et vs Vella noe, Qorti tal-Appell, 1 ta' Diċembru 1958; Francis Borg vs Carmen Gaffiero et, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' Marzu 2003; George Olof Attard vs Bubbly Trading Limited et, Tribunal Għal Talbiet Żgħar, 11 ta' Marzu 2017

*di vista tal-intenzjoni tar-retribwibbilità, kemm mill-punto di vista tal-mizura tal-kumpens, dawn il-punti ghandhom importanza. Hekk, per ezempju, fil-kaz li persuna abbjenti li tmur minn jeddha ddur b'persuna li taf li hija fqira, il-prezunzjoni li dawk is-servigi saru bil-fehma ta' hlas ma tregix; u mill-banda l-ohra lanqas tista' tigi ndotta l-fehma tar-retribuzzjoni tal-persuna servuta li tkun f'dak l-istat finanzjarju. Jinghad ukoll li, jekk persuna li tigi servuta tkun ta' fakoltajiet ekonomici ristretti, imma mhux tali li tkun indigenti, huwa prezunt li tisserva b'persuna li tkun kuntenta b'retribuzzjoni moderata, u mhux ga tali li tirrendiha ndigenti".*

Fis-sentenza fl-ismijiet Jeanne Borg vs Christian Zammit, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Frar 2018, il-Qorti għamlet is-segwenti osservazzjonijiet li huma ta' siwi għall-każ tal-lum. Ingħad hekk:

*"Fl-istat tal-gurisprudenza taghna kif inhi fil-prezent, hemm presunzjoni juris tantum li kwalunkwe servigi rezi jkunu qeghdin jigu rezi bl-isperanza ta' kumpens. Min jallega li s-servigi saru b'xejn irid igib provi tajbin bizzejjed biex iwaqqa' l-prezunzjoni li s-servigi nghataw bi hsieb ta' hlas.*

*Dwar il-<u>quantum tas-servigi,</u> tajjeb jinghad illi huwa biss meta ma jkunx miftiehem specifikament x'tip ta' kumpens ser ikun dovut illi l-Qorti tista' tillikwida tali kumpens arbitrio boni viri jew bl-assistenza ta' esperti (ara – <u>Anthony Schembri et vs Aldo Busuttil</u> – PA - 28 ta' Mejju, 2003). Fin-nuqqas ta' ftehim espress dwar il-kumpens li ghandu jithallas, il-gurisprudenza taghna elenkat lista ta' fatturi li ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta ssir il-likwidazzjoni:-*

*(i) il-grad ta' qrubija bejn min jaqdi u l-persuna meghjuna*

*(ii) il-frekwenza tas-servigi*

*(iii) in-natura tas-servigi*

*(iv) il-kedda, l-inkonvenjent jew it-tbatija biex inghataw is-servigi*

*(v) il-grad ta' hila jew specjalizzazzjoni li jkunu esercitati fit-twettieq tas-servigi*

*(vi) jekk mal-ghoti tas-servigi l-persuna koncernata tkun inkorriet spejjez jew infieq minn taghha*

*(vii) il-mezzi tal-persuna li tkun hadet vantagg mill-prestazzjonijiet.*

(*ara: <u>Tessie Micallef et vs Lawrence Galea et</u> - 28 ta' April 2011<u>;</u> <u>Annunziata Brincat vs Joseph Aquilina noe et</u> - 31 ta' Mejju 2002*)

*Fil-bicca l-kbira tas-sentenzi, il-kumpens ma jammontax ghal somom gholjin (minkejja l-aspettativi ta' l-persuni li jkunu pprestaw is-servigi) peress illi s-servigi kwazi dejjem jinghataw minhabba ragunijiet ta' parentela.*

*Fis-sentenza li tat fil-11 ta' Dicembru 2003 fil-kawza fl-ismijiet '<u>Anthony Catania pro et noe vs Maria Agius</u>' din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet:-*

> *"Dan qed jinghad ghax, bhala regola generali, il-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa: ara kriterju f'dan is-sens li addottat din il-Qorti fil-kawza "<u>Zammit et vs Farrugia Sacco noe</u>" deciza fit-28 ta' Gunju, 1982.*
>
> *Fis-sentenza li tat il-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Mejju 1989 fil-kawza '<u>Delicata vs Saliba</u>' inghad illi ghax id-dritt ghall-hlas ta' servigi huwa bbazat fuq kwazi-kuntratt mhux fuq kuntratt, il-likwidazzjoni tal-quantum mhijiex relatata biss mal-prestazzjoni ut sic izda trid titqies fil-kuntest ta' fatturi ohra, li ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika.*
>
> *Ghalhekk il-metodologija tal-kalkolu tal-kumpens qatt ma tkun tekwivali b'mod aritmetiku il-valur tax-xoghol li jkun sar.*
>
> *F'sentenza aktar recenti li tat fit-2 ta' Mejju 2016 fil-kawza '<u>Francis Mizzi et vs Roseann Galea et</u>' il-Qorti tal-Appell, wara li qieset illi kienu prestati servigi estensivi minn zewg persuni b'mod kontinwu lil persuna li kienet bed-ridden akkordat l-ammont ta' €70 fil-gimgha ghal kull wahda miz-zewg persuni".*

Ikkunsidrat

L-attriċi tistqarr bl-aktar mod skjett illi fid-dinja ħadd ma jagħmel xejn għal xejn u għalhekk hi ppretendiet illi għal dak kollu illi għamlet ma' ħuha hija għandha tiġi riżarċita adegwatament.

Mill-atti, speċifikament mix-xhieda tal-attriċi jirriżulta illi Anthony Camilleri beda jakkuża problemi ta' saħħa fis-sena 1992 madankollu kien biss fl-aħħar erba' snin ta' ħajtu illi safa bedridden. Fl-ewwel lok l-azzjoni attriċi diġà ġiet dikjarata preskritta in kwantu pretensjonijiet li jirrisalu għal qabel it-2 ta' Settembru 2003. Fit-tieni lok, Anthony Camilleri miet fis-27 ta' Diċembru 2006 li allura jfisser illi kwalsiasi pretensjoni għandha l-attriċi hija ċirkostrita u limitata għal serviġi allegatament reżi bejn it-2 ta' Settembru 2003 u s-27 ta' Diċembru 2006.

Tajjeb jingħad illi mkien mill-provi ma jissemma sewwa sew x'tip ta' mard ħakem lil Anthony Camilleri madanakollu, il-Qorti m'għandix raġuni għaliex tiddubita mill-veraċità tax-xhieda tat-Tabib John Xuereb Dingli, it-tabib kuranti ta' Anthony Camilleri, meta dan xehed illi Camilleri ma kien fi stat ta' saħħa tajjeb xejn tant illi fl-aħħar snin ta' ħajtu spiċċa bed ridden u li kieku ma kienx għall-attriċi kien jispiċċa f'faċilità għall-anzjani.

L-attriċi qatt ma ħadmet barra mid-dar u ddedikat ruħha għall-bżonnijiet tal-familja. Jirriżulta kkonfermat illi indokrat lil ħuha kif l-aħjar illi setgħet. Jirriżulta wkoll illi l-attriċi kienet xi ftit rasha iebsa u ma kinitx tieħu gost bl-għajnuna li kienu joffrulha ħutha. Jidher ukoll illi l-attriċi kienet pjuttost possessiva fuq ħuha Anthony Camilleri tant li kif jirriżulta mix-xhieda, l-attriċi kienet tagħmel mezz li dejjem tkun preżenti fiżikament fil-kamra

flimkien ma' ħuha meta xi ħadd kien iżuru. L-attriċi pprovat tbenġel din il-biċċa billi tgħid illi ħuha kellu problema ta' smigħ u li kienet tintervjeni hi sabiex wieħed jikkomunika miegħu. Madanakollu, l-Qorti għandha d-dubji tagħha dwar l-intenzjonijiet veri tal-attriċi. Wara li qieset il-provi bir-reqqa, il-Qorti hija tal-fehma illi l-attriċi ma riditx min jidħlilha fl-għalqa fis-sens illi ma riditx li xi ħadd minn ħutha jibda jdur b'Anthony Camilleri minflokha bis-sogru li forsi dan jispiċċa kkumpensat u hi tibqa b'xejn.

Il-konvenuti huma tal-fehma illi dak li l-attriċi għamlet ma ħuha Anthony kien sforz obbligazzjoni li l-attriċi kellha fil-konfront ta' ħuha. Jissostanzjaw dan l-argument b'żewġ raġunijiet. Primarjament għaliex kien proprju bis-saħħa ta' Anthony Camilleri illi l-attriċi kkwalifikat għall-pensjoni wara li dan kien jieħu ħsieb illi mill-paga tiegħu iħallas il-bolla għall-attriċi. Fit-tieni lok, kif ikkonfermat minn l-attriċi stess, Anthony Camilleri kien jgħaddilha l-intier tal-pensjoni li kien jipperċepixxi u kien jagħmel dan *senza se e senza ma*. L-attriċi qatt ma ntalbet tagħti rendikonti dwar kif kienet qiegħda tonfoq il-pensjoni ta' ħuha. Tgħid illi kienet tonfoq bil-galbu u tuża l-flus għall-bżonnijiet fosthom biex tixtri ikel, mediċini u bżonnijiet oħra li kien ikollu ħuha minn żmien għal żmien. Jirriżulta illi lejn l-aħħar ta' ħajtu Anthony Camilleri kien idawwar madwar mija u sittin ewro (€160) fil-ġimgħa, somma din li fuq medda ta' xahar tammonta għal somma sinifikanti. L-attriċi ma ressqet ebda prova dwar l-infiq li kienet tagħmel mill-pensjoni. Lanqas ma ġabet prova dwar xi spiża kapitali li nkorriet u għalhekk in-nefqa mill-pensjoni kienet waħda għall-għixien ta' kuljum u għas-servizzi. Ferm il-premess, il-loġika tiddetta li għalkemm Anthony Camilleri nżamm jgħix sewwa, mhux l-ammont kollu perċepit mill-pensjoni tiegħu kien qiegħed jittiekel minnu aktar u aktar meta jittieħed kont tal-fatt li dan lanqas biss kien joħroġ mid-dar u ma kienx hemm lok ta' tberbiq żejjed.

In aġġunta mal-kunsiderazzjonijiet appena magħmula, il-Qorti qiegħda tqis ukoll illi waqt li l-attriċi indokrat lil ħuha, fl-istess waqt, fil-perjodu ta' żmien li dwaru l-attriċi tippretendi ħlas għas-serviġi, hija kienet qiegħda tiġi megħjuna minn Charles Mifsud. It-Tabib John Xuereb Dingli xehed illi l-attriċi kienet dgħajfa u ma kinitx tiflaħ tqandel lil ħuha. L-attriċi stess ukoll irrikonoxxiet dan il-fatt. Mill-provi jirriżulta illi Anthony Camilleri spiċċa *bed ridden* għal bejn wieħed u ieħor l-aħħar erba' snin ta' ħajtu. Charles Mifsud xehed ampjament dwar x'tip ta' kura kien jagħti lil Anthony Camilleri inkluż li jaħslu, ibiddillu, jitimgħu, iqandlu u jagħmillu kull ħaġa oħra illi kien ikun jeħtieġ. Charles Mifsud xehed ukoll illi da parti tagħha l-attriċi kienet tieħu ħsieb thejji l-ikel. L-attriċi tgħid illi kien hemm okkażjonijiet fejn kienet titma' lil ħuha u naturalment fis-sura illi kien żgur illi ma setax jaħsel ħwejjeġ u għalhekk din il-faċenda wkoll kienet tieħu ħsiebha l-attriċi.

L-attriċi tispjega illi ċċaħdet personalment għar-raġuni li ma kinitx toħroġ biex tieħu ħsieb ħuha Anthony. Il-Qorti tqis illi din ma hi xejn għajr skuża fis-sens illi waqt li huwa rikonoxxut li l-attriċi kienet verament tieħu ħsieb ħuha, fl-istess waqt l-attriċi ma riditx tissogra li ħuha jkun waħdu. Meqjusa l-provi kollha, partikolarment ix-xhieda tal-attriċi meta

din tgħid li ħuha kien jgħidilha li se jħallilha biċċa art, il-Qorti hija tal-fehma li l-attriċi waħħlitha f'rasha li riedet tassigura ruħha li ma tinqabiżx bis-sogru li din l-art titħalla lil ħaddieħor. Dwar dan il-Qorti żżid tgħid illi anki li kieku kien minnu li Anthony Camilleri qal lil oħtu li kien sejjer jaħseb fiha, bħala fatt l-attriċi ma ġabet ebda prova solida dwar dan u fl-atti hemm biss id-dikjarazzjonijiet unilaterali tal-attriċi. Dikjarazzjonijiet li l-Qorti trid tqis b'ċirkospezzjoni.

Magħdud kollox flimkien, il-Qorti tqis illi m'hemmx lok illi l-attriċi tingħata xi kumpens. Tgħid dan għar-raġuni li s-serviġi reżi lil Anthony Camilleri bejn it-2 ta' Settembru 2003 u s-27 ta' Diċembru 2006 mhumiex tali li poġġew fuq l-attriċi piż jew sagrifiċċju tali li jimmerita kumpens aktar u aktar meta l-kura u attenzjoni li kien jeħtieġ Anthony Camilleri matul dan il-perjodu, inkluż kura intima u speċjalizzata, kien qiegħed jirċeviha mingħand Charles Mifsud skont kif delegat mill-attriċi. Jirriżulta ampjament ippruvat illi matul il-perjodu li Anthony Camilleri ġie bedridden, u addirittura fi żmienijiet preċedenti, l-attriċi ma baqgħetx tiflaħ għal ħuha għaliex kien fih persuna goffa u l-istatura tagħha ma kinitx tippermettilha li tqandlu, tant illi kienet tgħajjat għall-għajnuna ta' diversi pesuni sabiex iqandluh minn post għal ieħor. L-uniku serviġi li jirriżulta pprestat pjenament u kontinwament l-attriċi kienu fir-rigward tat-tħejjija tal-ikel u l-ħasil tal-ħwejjeġ biss anki f'dan ir-rigward il-Qorti ma tistax ma tosservax illi dawn il-faċendi l-attriċi kienet tagħmilhom kemm għaliha kif ukoll għal oħtha li kienet tgħix fl-istess dar magħha. Żgur illi dawn il-faċendi mhumiex tali li kkawżaw lill-attriċi xi tbatija, ċaħda jew spejjeż personali. In oltre, hija l-fehma meqjusa tal-Qorti li bil-fatt li Anthony Camilleri ħallas minn butu il-bolla għall-attriċi u assigura li din tirċievi pensjoni magħdud mal-fatt li kien jgħaddilha b'mod inkondizzjonat l-ammont kollu tal-pensjoni, juri illi l-attriċi ġiet adegwatament kumpensata għal dak kollu illi setgħet għamlet ma' ħuha".

6. Rat ir-rikors tal-appell ta' Francis *sive* Frans Camilleri li f'ismu ġew trasfużi l-atti *stante* l-mewt tal-attriċi Mary Rose Camilleri, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti sabiex tilqa' l-appell tiegħu u filwaqt li tirrevoka u tannulla s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri – Sezzjoni Ġenerali tas-26 ta' Novembru, 2021, u minflok tilqa' t-talbiet tal-appellanti u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

7. Rat ir-risposta tal-appell ta’ Anselmu Camilleri u Carmen Vella Haber li permezz tagħha wieġbu li dan l-appell għandu jiġi miċħud, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellant.

8. Rat ir-risposta tal-appell tal-Avukat Dottor Joseph Grech bħala kuratur *ad litem* sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-mejjet konvenut Giuseppe Camilleri, li permezz tagħha u għar-raġunijiet hemm imsemmija rrimetta ruħu għall-ġudizzju ta’ din il-Qorti.

9. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

**Ikkonsidrat:**

11. Illi l-kawża li minnha tressaq l-appell hawn qabel imsemmi, hija waħda ta’ serviġi, fejn l-awtriċi tal-appellant, Mary Rose Camilleri talbet il-likwidazzjoni tal-kumpens li jidhrilha li ħaqqha għal diversi serviġi, kuri u assistenzi li hija tgħid li rrendiet lil Anthony Camilleri (f’din il-kawża) u lil

Ursula Camilleri (suġġett tal-kawża 91/2008 li qiegħda tiġi deċiża llum ukoll) li kienu jiġu ħutha u li ma kinux miżżewġin. F'din il-kawża hija fittxet lill-konvenuti kollha, bħala eredi ta' Anthony Camilleri, sabiex jiġu kkundannati jħallsuha l-kumpens hekk likwidat.

12. Il-konvenuti Anselmu Camilleri u Carmen Vella Haber da parti tagħhom, jiċħdu li l-attriċi rrendiet xi serviġi, kuri u assistenzi, lil Anthony Camilleri li jimmeritaw li jiġu kkumpensati, peress li apparti li hija stess waħda mill-eredi tad-*decuius,* ma rrendietx serviġi kuri u assistenzi li jeċċedu l-għajnuna mogħtija mill-istess konvenuti u li kull dritt għall-ħlas dwar il-kumpens rigward *kwalsiasi* serviġi li l-attriċi setgħet irrendiet, aktar kmieni mill-1 ta' Ottubru, 2003, jinsabu kolpiti bil-preskrizzjoni estintiva ta' ħames snin skont l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili.

13. Ma jirriżultax li l-konvenuti l-oħra ressqu risposta għall-pretensjonijiet tal-attriċi.

14. L-Ewwel Qorti laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti u għalhekk ċaħdet il-pretensjonijiet tal-attriċi, bl-ispejjeż kontra tagħha.

15. L-eredi tal-attriċi, Francis *sive* Frans Camilleri, ħass ruhu aggravat bl-imsemmija sentenza u għalhekk interpona appell minnha. Ifisser kif huwa sorprendenti kif minkejja li l-Ewwel Qorti aċċettat li l-attriċi kienet

iddedikat ruħha għall-bżonnijiet tal-familja u daret b'ħuha Anthony Camilleri, li kien spiċċa fis-sodda u li hija kienet tagħtih l-attenzjoni għal erbgħa u għoxrin siegħa kuljum, ma qisitx li l-attriċi kellha tingħata xi forma ta' kumpens. L-Ewwel Qorti daħħlet dubji dwar l-intenzjonijiet veri tal-attriċi meta jibqa' fatt li hija baqgħet timpenja ruħha bl-iskop li tiġi kumpensata. Il-fatt li Anthony Camilleri kien jgħaddi lill-attriċi l-pensjoni tiegħu sabiex tamministraha, m'għandhiex waħedha u fiha nnifisha tinnewtralizza l-pretensjonijiet tagħha għall-ħlas ta' kumpens. Minkejja li ħuha kellu pensjoni ta' €160 fil-ġimgħa, wieħed ma setax jagħmel wisq kapriċċi biha hekk kif minnha kienet tħallas il-bżonnijiet tiegħu, inkluż li tħallas lil xi ħadd biex jgħinha tieħu ħsieb lil ħuha. Iżda dan ma jinnewtralizzax ix-xogħol li hija kienet tagħmel ma' ħuha. Minkejja li l-Ewwel Qorti qalet li ma tressqux provi dwar l-infieq tal-pensjoni, għarfet li l-pensjoni kienet waħda għall-għixien ta' kuljum u għas-servizzi, u allura ssostni li jibqa' fatt li ma ġietx kumpensata għas-serviġi mogħtija minnha. Ladarba ma rċevietx kumpens f'ħajjet Anthony, kienet tippretendi li jagħmel dispożizzjonijiet għal wara ħajtu. Anke jekk għall-grazzja tal-argument hija kienet tipprovdi biss l-ikel u taħsel ħwejġu kif kostatat mill-Ewwel Qorti, hija kellha tirċievi xi kumpens. Dan apparti li kienet iżżomm lil ħuha f'ambjent nadif u komdu, u qabbdet lil terzi sabiex jgħinuha f'dak li jkun hemm bżonn, kif ikkonfermat mix-xhieda Joseph Camilleri, Charles Mifsud, Dun Charles Buttigieg, it-tabib John Xuereb Dingli, Mary Anne Mercieca, Anton Mercieca, Dun Karm Xerri, Pamela Farrugia Wismayer

u Joe Muscat. Il-fatt li Anthony Camilleri ħallas il-bolla tal-attriċi m'għandux jittieħed bħala xi forma ta' kumpens.

16. Il-konvenuti appellati jwieġbu li l-aggravju tal-appellanti huwa unikament imsejjes fuq l-apprezzament ħażin li għamlet l-Ewwel Qorti tal-provi prodotti minnha u li din il-Qorti qiegħda tintalab li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmula mill-Ewwel Qorti, mentri jagħmlu referenza għall-ġurisprudenza estensiva fis-sens li Qorti ta' reviżjoni tvarja jew tħassar il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta tkun sodisfatta li d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti tkun ġiet eżerċitata b'mod manifestament ħażin u għal motivi gravi u f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Iżda f'dan il-każ, motivi gravi u ċirkostanzi eċċezzjonali sabiex jiġi disturbat l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti ma jeżistux. Il-konvenuti appellati jagħmlu referenza għall-fatt ukoll li l-Ewwel Qorti ġustament laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mressqa minnhom. Jisħqu li l-attriċi hija wkoll werrieta ta' Anthony Camilleri li bħala l-werrieta huma lkoll responsabbli fil-konfront ta' min jallega li wettaq xi serviġi għall-benefiċċju ta' individwu li huma jkunu wirtu. Għalkemm ħu l-attriċi Joseph Camilleri u n-neputi Frans Camilleri, xehdu li kienu lesti li jħallsu lil Mary Rose għas-serviġi li wettqet, baqgħu la kkwantifikaw u lanqas ħallsuha. Anthony Camilleri dejjem ikkontribwixxa għall-ispejjeż tad-dar li fiha kienu jgħixu huwa, Ursula u Mary Rose, u din tal-aħħar kienet tamministra l-flus ta' ħuha kif jidhrilha u mhux eskluż li kienet iżżomm xi ħaġa għaliha

peress li rendikont minnha qatt ma ngħata, minkejja li kienet obbligata li tagħmel dan. Dan apparti li Anthony Camilleri kien għen lill-attriċi sew, hekk kif kien ħallsilha l-bolla sabiex ikollha pensjoni. Issir referenza għax-xhieda ta' Charles Mifsud li kien iqatta' ħin twil fid-dar fejn kienu jirrisjedu l-aħwa Camilleri u kien il-ħin kollu jieħu ħsieb lil Toni, inkluż jerfgħu, jaħslu u jitimgħu, u għalhekk l-attriċi m'għandhiex tiġi kkumpensata għax-xogħol imwettaq mill-istess Mifsud. Issir referenza wkoll għax-xhieda tat-tabib Dr. John Xuereb Dingli li tikkonferma x-xogħol kollu mwettaq minn Mifsud, peress li l-attriċi ma kinitx f'pożizzjoni li tagħmel ċertu xogħol peress li kellha ż-żmien tagħha. Jinsistu li l-attriċi ma kinitx twettaq serviġi lil Anthony li jimmeritaw li jiġu kkumpensati u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-appellant. Jippreċiżaw li kuntrarjament għal dak li ngħad mill-Ewwel Qorti, huma kienu ppreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

17. Għandu jingħad mal-ewwel li, sa fejn l-appellant m'appellax mill-kap tas-sentenza, li konsidrat li l-kawża ġiet ippreżentata fit-2 ta' Settembru, 2008, u tenut kont ukoll li talba għall-ħlas ta' serviġi tiddekadi bil-preskrizzjoni kwinkwennali skont l-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, kwanlunkwe pretensjoni tal-attriċi li tmur lura aktar mit-2 ta' Settembru,

2003, tinsab milquta bl-istess preskrizzjoni, illum-il ġurnata tikkostitwixxi ġudikat.

18. Ġie aċċertat minn din il-Qorti li tabilħaqq il-konvenuti kienu ppreżentaw is-sottomissjonijiet tagħhom quddiem l-Ewwel Qorti, minkejja li ngħad mod ieħor mill-Ewwel Qorti, iżda qajla jista' jingħad li dan in-nuqqas kien ta' xi preġudizzju għalihom. Barra minn hekk, kif ġustament osservat mill-konvenuti appellati, ingħad kemm-il darba, li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad, jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-26 ta' Jannar, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Josephine Agius v. Piju Theuma**). Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor, minn kif tkun fehemithom qorti tal-ewwel grad (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru, 2018, fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et**) u li tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat u tkun qiegħda taħrab mir-responsabbiltajiet tagħha, jekk bħala qorti tat-tieni grad, tonqos milli tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-fatti. (Ara **Carmela Galea v. LIDL Malta Limited** deċiża minn din il-Qorti fl-1 ta' Diċembru, 2021). Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, jeħtieġ li din il-Qorti

tifli mill-ġdid il-provi in atti, fil-qafas tal-kriterji legali applikabbli, filwaqt li tqis l-aggravju tal-appellant.

19. L-Ewwel Qorti għamlet espożizzjoni ċara marbuta mat-tema ta' serviġi, kif ukoll iċċitat estensivament mill-ġurisprudenza relattiva għall-istess u għalhekk din il-Qorti mhix ser tirrepeti dak hawn qabel ċitat. Din il-Qorti fliet mill-ġdid il-provi voluminużi in atti, sabiex tkun tista' tistħarreġ l-aggravju tal-appellant. Irriżulta li Mary Rose Camilleri xehdet permezz tal-affidavit li hija kienet tieħu ħsieb liż-żewġ ħutha, Anthony u Ursula Camilleri, li kienu jgħixu flimkien magħha fid-dar tagħhom il-Qala, Għawdex, fejn hija kellha tieħu ħsieb issajjar, tnaddaf u taħsel il-ħwejjeġ. Tfisser kif inbidlet ħajjitha bil-piż li kellha tal-kura u r-responsabbiltà li tieħu ħsieb lil ħuha hekk kif saħħtu marret lura. Lanqas baqgħet toħroġ tixtri, iżda kienet tordna x-xirja u sabiex tmur il-quddies kienet titlob lill-ġar joqgħod ma' ħuha, peress li oħtha Ursula għalkemm fid-dar ma kinitx tiflaħ għalih it-tqandil li kien ikun hemm bżonn. Kienet issajjar darbtejn kuljum u l-ikel ta' ħuha kienet tagħmlu bil-*liquidiser*. Mary Rose Camilleri xehdet ukoll li hija kellha l-prokura ta' ħuha Toni, hekk kif dan spiċċa fis-sodda u kienet tuża l-pensjoni tiegħu għall-bżonnijiet tiegħu bħal ħlas ta' tobba, mediċini, ħrieqi, ħwejjeġ, ikel u nstallat ukoll l-*air conditioning* fil-kamra ta' ħuha sabiex ikun komdu. Dan apparti li kienet tħallas lill-qassis li kien jiġi jqarbnu u lil Charlie Mifsud li kien jiġi jgħinha jbiddillu l-ħarqa, jimmedikalu l-feriti li ħarġulu wara li baqa' fis-sodda u jaħslu. Hija spiss

kienet torqod il-lejl ħdejn ħuha, u għalkemm kien rikonoxxenti u kien wegħdha li ser jaħseb fiha (semmielha għalqa li kellu) baqgħet ma ngħatat xejn, peress li testment m'għamilx. Ħuthom kienu jiġu sabiex iżuruh, iżda hija ma kinitx tqabbadhom xogħol. Tħoss li kellha tiġi kkumpensata ladarba ssagrifikat ħajjitha u saħħitha għalih.

20. Mix-xhieda ta' ħuha Joseph Camilleri u n-neputi Francis Camilleri jirriżulta li Mary Rose għamlet ħafna sagrifiċċji sabiex tieħu ħsieb lil Anthony Camilleri. Hija kienet issajjarlu, taħsillu l-ħwejjeġ u tnaddaf u tagħmel kull ħaġa oħra li kien ikollu bżonn. Fl-aħħar erba' snin ta' ħajtu kienet torqod ukoll fl-istess kamra miegħu. Ir-Reverendu Dun Charles Buttigieg jixhed li meta kien imur iqarben u jżur lil Anthony Camilleri, huwa kien jara lil Mary Rose tieħu ħsiebu. Kienet Mary Rose li ċċempillu sabiex imur iqarbnu. Charles Mifsud kien imur jgħin fid-dar tal-aħwa Camilleri, wara li Anthony Camilleri ġie rikoverat l-isptar, u kien jaħslu, jitimgħu, jbiddillu l-ħarqa, jifrex is-sodda u jnaddaflu l-kamra sakemm miet, filwaqt li Mary Rose kienet tieħu ħsieb il-faċendi (sakemm kienet tiflaħ) u ssajjar. Jixhed li Mary Rose kienet taħsel id-dar u ssajjar għall-aħwa kollha. Michael Abela jixhed li meta kien iżur lil Toni, kien ikun hemm Mary Rose titimgħu, tlestilu l-affarijiet u l-mediċina, u tbiddillu. Ġieli kienet iċċempillu sabiex jgħinha jtellgħu fis-sodda, peress li Charles Mifsud kien ikun xogħol. Dan kollu jinsab ikkonfermat ukoll mit-tabib Dr. John Xuereb

Dingli, li aktar minn hekk, importanti huma s-segwenti siltiet mix-xhieda tiegħu:

> "*Bil-kemm kien tad-dar, imma kienet tieħu ħsiebu hi d-dar. Allavolja naħseb illi kien aktar ta' sptar. ....*
>
> *...li hi kieku ma kenitx tieħu ħsiebu, kieku l-isptar kienet tibgħatu ħafna qabel, ma kienx, speċjalment fl-aħħar, mill-inqas sentejn, tlieta, ma kienx fi stat tajjeb xejn. Kien fi stat fejn il-menti tiegħu kienu marru, fejn ma jistax jieħu ħsieb tiegħu nnifsu, kien bed ridden, tant li lanqas hi stess ma kienet tikkopja miegħu, kien ikollha bżonn l-għajnuna ta' persuna oħra, Charles ...*
>
> *Kienet tagħmel dak li hemm bżonn isir sabiex iżżomm persuna d-dar... Jiġifieri li nista' ngħid li qatt ma sibtu nieqes minn xi ħaġa jew ikkomplenja dwar xi ħaġa".*

21. Ferm relevanti wkoll hija x-xhieda ta' Mary Anne Mercieca, ġara tal-aħwa Camilleri, li kienet ilha tafhom is-snin tispjega li fiż-żmien filwaqt li Anthony u Mary Rose kienu jaħdmu fl-għalqa, Ursula kienet tieħu ħsieb il-faċendi tad-dar u ssajjar. Mentri maż-żmien Mary Rose bdiet tieħu ħsieb il-faċendi u t-tisjir, meta Ursula ma baqgħetx tiflaħ u għalhekk Mary Rose kienet tieħu ħsieb il-kumplament tal-familja. Hija fl-aħħar snin kienet tixtri l-ħalib u l-mediċini għall-aħwa Camilleri. Anton Mercieca, ukoll ġar tal-istess aħwa Camilleri, jixhed li Mary Rose Camilleri kienet tieħu ħsieb lil ħuha Toni li kien *bed ridden,* mentri għal xi żmien kien hemm ukoll magħhom Ursula, li ma kinitx toħroġ. Jiddeskrivi f'ċertu dettal, dak li Mary Rose kienet tagħmel ma' Toni u li ġieli kienet issejjaħlu sabiex jgħinha ttella' lil Toni fis-sodda. Mentri fil-kontroeżami jixhed li ma jafx min kien jaħsel u jsajjar fid-dar, iżda jaf li fl-aħħar tliet snin ta' ħajtu Toni spiċċa fis-sodda.

22. Hekk ukoll, ix-xhieda mogħtija minn Dun Karm Xerri, Pamela Farrugia Wismayer u Joe Muscat ilkoll jixhdu b'referenza għal dak li kienet tagħmel Mary Rose fir-rigward ta' Anthony Camilleri. In kontroeżami Joe Muscat jixhed li għalkemm qabel kienet tmur tixtri Ursula mill-ħanut tiegħu, u wara Mary Rose, maż-żmien Mary Rose bdiet tordna x-xirja bit-telefon wara li marad ħuha Toni, peress li ma setgħetx titilqu waħdu. Meta kien imur id-dar tagħhom bix-xirja, kien ikun hemm Mary Rose. In kontroeżami, Dun Karm Xerri jixhed li meta kien imur iqarben lill-aħwa Camilleri, Toni kien ikun fis-sodda, mentri Ursula kienet tkun f'kamritha, u tiġi fil-kamra ta' Toni sabiex iqarbinha wkoll meta ssejħila.

23. Mix-xhieda tal-konvenuta Carmen Vella Haber, li tiġi oħt Mary Rose, Ursula u Anthony Camilleri, tiddeskrivi l-istat li kien fih ħuhom Anthony Camilleri, bħala ħażin u għamel żmien twil fis-sodda. Issostni li mhux Rose biss għamlet ma' Toni, hija stess kienet tieħu ħsieb lil Toni, li wkoll kien jgħix magħha meta kien jaħdem Malta u hija kienet tagħmillu kollox u qatt ma talbet xejn. Ġieli ġabilha t-tfal tal-mużew u kienet tippreparalhom l-ikel u xi kejk ukoll. Meta kienet tkun Għawdex kienet tmur tgħinhom fl-għalqa u dan kien japprezzah Toni, tant li ried jgħaddilha xi art, iżda hija ma riditx li jinqala' l-inkwiet. Tispjega kif Ursula kienet tagħti lil Mary Rose parti mill-pensjoni tagħha kull xahar għall-ispejjeż tad-dar u l-bżonnijiet ta' kuljum, u li kellha djarju ta' Ursula fejn kienet tagħmel

annotament f'dan is-sens. Hekk kienu jagħmlu wkoll l-aħwa għewieżeb Anselmu u Toni, u dan tal-aħħar meta marad, kien jgħaddi l-pensjoni kollha lil Mary Rose. Tisħaq li Rose tinsa li Toni kien ikkumpensaha tul ħajtu hekk kif kien ħalsilha l-bolla sabiex tkun tista' tgawdi pensjoni, hija kienet tagħmel użu mill-karozza tiegħu u kienet tamministra l-pensjoni tiegħu u żżomm dak li kien jibqa'. Issostni li Mary Rose kienet persuna li riedet tikkontrolla dak kollu madwar ħajjet Toni u li ma kinitx tħalli lil ħadd ikellmu jekk mhux fil-preżenza tagħha, u bis-suppervja lanqas kienet taċċetta l-għajnuna meta joffruhielha.

24. Din ix-xhieda tinsab fil-parti l-kbira kkonfermata minn uliedha, Frances Arpa, Joyce Darmanin, u Dr. Michael Vella Haber, li filwaqt li jikkonċedu li zithom Mary Rose kienet iddur b'Anthony minn meta dan spiċċa *bed ridden,* (tant li jgħidu li ddominatlu ħajtu) mhux l-istess jista' jingħad fil-każ ta' Ursula li kienet mara indipendenti sa ġimgħa qabel ma mietet. Joyce Darmanin issemmi li meta Toni kien jaħdem Malta kien joqgħod m'ommha u li ommha siefret lil Toni magħha kemm-il darba. Għalhekk tħoss li kulħadd għamel għal Toni b'xi mod jew ieħor u mhux ġust li Rose tippretendi li għamlet aktar minn ħaddieħor fil-konfront tiegħu.

25. Relevanti wkoll hija x-xhieda ta' Anselmu Camilleri, għażeb, li jiġi wkoll ħu Mary Rose, Ursula, u Anthony. Huwa kien fil-parti l-kbira jgħix Malta, flimkien m'oħtu Carmen, li kienet tieħu ħsieb kollox bħall-ikel, ħasil

u mogħdija ta' ħwejjeġ mingħajr indħil ta' xejn. Mentri fi tmiem il-ġimgħa huwa kien jitla' Għawdex u joqgħod ma' ħutu Toni, Mary Rose u Ursula. Fl-ewwel snin li kien beda jaħdem Malta, kien jibgħat il-paga kollha tiegħu Għawdex, iżda maż-żmien kien joħroġ mal-Lm40 fix-xahar, kif ukoll sehemu minn spejjeż oħra li ma kinux ordinarji ta' kuljum. Punt importanti huwa li Anselmu jispjega li filwaqt li huwa kien ħallas il-bolla ta' Ursula, sabiex din ikollha pensjoni, Toni kien ħallas il-bolla ta' Rose sabiex hija wkoll ikollha pensjoni meta tagħlaq sittin sena. Hu jsostni li baqa' jagħti l-kontribut tiegħu sakemm Rose bdiet tirċievi l-pensjoni tagħha u li bħalu kienu jagħmlu Toni u Ursula, li lkoll kienu joħorġu sehemhom għall-manteniment u li dawn baqgħu jikkontribwixxu s-sehem tagħhom sa ma mietu, mentri kienet Rose li tamministra kollox.

26. Minn dan kollu, toħroġ stampa ta' verżjonijiet kunfliġġenti bejn il-kontendenti fil-kawża, dwar l-estent ta' serviġi li Mary Rose kienet tagħti lill-ħuha Anthony u jekk hemmx lok għall-kumpens. Ingħad f'każijiet oħra bħal dan li: "*l-konflitti fil-provi huma ħaġa li l-Qrati jridu minn dejjem ikun lesti għaliha. Il-Qorti għandha teżamina jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilitajiet u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment sufficjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant*" (ara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet

**Carmelo Farrugia v. Rokko Farrugia**, deċiża fl-24 ta' Novembru 1966). Relevanti wkoll, hija s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet **Maria Xuereb et v. Clement Gauci et,** deċiża fl-24 ta' Marzu, 2004, fejn ingħad:

> "*Fil-kazijiet fejn il-Qorti tkun rinfaccata minn provi konfliggenti, il-Qorti ghandha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi li jkunu gew prodotti quddiema, u cioe:*
>
> *1. Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*
>
> *2. Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima actore non probante reus absolvitur".*

27. Jigi osservat ukoll li huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li, f'każ ta' żewġ verżjonijiet li ma jaqblux għalkollox ma' xulxin u li jkunu plawsibbli jew possibbli t-tnejn, dan għandu jmur favur il-parti mħarrka bit-tħaddim tal-prinċipju li "*onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat*". Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fl-att li bih iressaq il-kawża. Mill-banda l-oħra, madankollu, il-grad ta' prova mistenni fil-kamp ċivili, b'differenza minn kawżi kriminali fejn il-liġi tistenna li l-prova tal-ħtija għandha tirriżulta lil hinn minn kull dubju raġonevoli, huwa biżżejjed li jkun hemm ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant. Din iċ-ċertezza morali f'kawżi ċivili hija l-effett tal-bilanċ tal-probabilitajiet.

28. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, hija l-fehma ta' din il-Qorti li għalkemm huwa minnu li kemm l-attriċi, kif ukoll il-familja Vella

Haber kienu għamlu wkoll ma' Anthony Camilleri tul ħajtu, jibqa' l-fatt li fl-aħħar tliet snin ta' ħajtu, meta l-istess Anthony spiċċa fis-sodda kienet Mary Rose li kienet tgħix miegħu u ddur bih. Anthony Camilleri kien sar totalment dipendenti fuq oħtu Mary Rose mhux biss f'dak li hu tisjir, ħasil ta' ħwejjeġ u faċendi oħra fid-dar, iżda kienet tieħu ħsieb li ġġiblu t-tabib, tixtrilu l-mediċini, iġġib lil min jgħinha sabiex tkun tista' tikkurah u żżommu nadif u komdu kemm tista', konsidrata l-pożizzjoni li spiċċa fiha. Għalkemm din il-Qorti m'għandhiex dubju li l-attriċi kienet tagħti s-serviġi bl-iskop li tiġi kkumpensata, biss però, hija tista' tirreklama s-serviġi għall-perjodu limitat bejn it-2 ta' Settembru, 2003 u s-27 ta' Diċembru, 2006. Il-fatt li s-serviġi jinbnew fuq il-kważi-kuntratt, l-element tal-volontarjetà f'min jagħti s-servizz ma jċaħħdux mill-jedd li jistenna l-effetti tar-rabta li tinħoloq mal-parti li tkun ingħatat l-għajnuna (Artikolu 1012 tal-Kodiċi Ċivili) (ara f'dan is-sens is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' April, 2017, fil-kawża fl-ismijiet **Mary Briffa v. Consiglia Abdilla**).

29. Din il-Qorti hija propensa li taċċetta li Mary Rose kienet iddur b'ħuha b'sens ta' gratitudni talli huwa kien ħalsilha l-bolla u li hija kienet tħallas kemm għall-ispejjeż ta' kuljum, kif ukoll għall-ispejjeż oħra li setgħu kienu meħtieġa b'rabta mal-kundizzjoni ta' ħuha Anthony mill-istess pensjoni tiegħu. Iżda*,* xorta jibqa' l-fatt li apparti kienet ta' kuljum issajjar, taħsel il-ħwejjeġ u tieħu ħsieb l-indafa tad-dar fejn kienu joqogħdu, kienet iddedikat ħajjitha għall-bżonnijiet ta' ħuha u dan kien

jitlob impenn kbir da parti tagħha li jmur lil hinn minn kortesija jew obbligu sempliċi. Minkejja li l-attriċi tassew seta' kellha karattru dominanti, jibqa' l-fatt li ħadd ħliefha ma ssagrifika ħajtu għall-bżonnijiet ta' Anthony Camilleri fl-aħħar snin ta' ħajtu meta kien l-aktar vulnerabbli u fil-bżonn. Il-fatt li l-attriċi ġabet l-għajnuna ta' Charles Mifsud sabiex tkun tista' tlaħħaq mal-bżonnijiet ta' ħuha ma jxejjinx dak li hija għamlet għal ħuha. Kwindi qajla jista' jingħad li s-serviġi li ġew mogħtija mill-attriċi f`dan il-każ, ġew adegwatament kumpensati bil-flus li kien jibqa' mill-pensjoni ta' Anthony, wara li jitnaqqsu l-ispejjeż u d-diversi obbligi li kienet tħallas, jew li dak li għamel Anthony meta ħallas il-bolla tal-attriċi ħafna snin qabel, kellu jissalda l-jeddijiet kollha tagħha u għaldaqstant, mhux dovut lill-attriċi l-ebda kumpens ieħor. Għalhekk f'dan is-sens tqis l-appell odjern ukoll bħala mistħoqq.

30. Kif ingħad fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, tal-11 ta' Diċembru, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Anthony Catania pro et noe v. Maria Agius**, il-kumpens f'każijiet simili, qatt ma jkun f'ammonti kbar, peress li dawn is-serviġi kważi dejjem jingħataw minħabba raġunijiet ta' parentela bejn il-partijiet u anke għaliex it-talba għall-ħlas ta' serviġi hija bbażata fuq kważi-kuntratt u mhux fuq kuntratt, fejn għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni diversi fatturi oħra.

31. Il-Qrati tagħna jillikwidaw kumpens ftit imdaqqas meta l-benefiċċjarju jkun totalment dipendenti fuq persuna oħra, bħal f'dan il-każ partikolari. Bit-tħaddim tal-kriterji mfassla minn din il-Qorti f'każijiet oħra f'dan ir-rigward, il-Qorti qiegħda tqis il-grad ta' qrubija bejn l-attriċi u dak li gawda mis-serviġi, il-livell ta' impenn involut, is-siwi u l-ħtieġa tas-serviġi lill-persuna li lilha ngħataw, is-sagrifiċċju u ċ-ċaħdiet li l-għoti tas-serviġi kien jitlob mill-mod tal-ħajja ta' min jagħtihom, il-mezzi li kellu l-persuna mgħejjuna, il-fatt li l-infieq kien jinħareġ ukoll mill-persuna li lilu saru s-serviġi u t-tul ta' żmien li damu jingħataw. (Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-27 ta' Marzu, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Angelo Zerafa et v. Michelina Azzopardi**). B'dan il-mod, il-Qorti tasal sabiex, *arbitrio boni viri*, tillikwida l-kumpens dovut lil Mary Rose Camilleri għas-serviġi mogħtija minnha lil ħuha Anthony, fis-somma ta' disat elef ewro (€9,000).

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, tilqa' l-appell imressaq minn Frans Camilleri limitatament u għalhekk tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li, filwaqt li tikkonfermaha sa fejn laqgħet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2156 (f) tal-Kap. 16 u ddikjarat li kull pretensjoni li tmur lura aktar mit-2 ta' Settembru, 2003, bħala preskritta; tħassarha fil-bqija u konsegwentement:

(i) Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara li Mary Rose Camilleri rrendiet serviġi, kuri u assistenzi lil Anthony Camilleri li għalihom jistħoqqilha kumpens;

(ii) Tilqa' t-tieni talba u tillikwida bħala kumpens ġust u xieraq dovut lilha fl-ammont ta' disat elef ewro (€9,000), b'dan li f'dan il-każ għandu jitnaqqas l-ammont ta' ħames mija, u tnejn u sittin ewro, u ħamsin ċenteżmu (€562.50) bħala sehem l-istess Francis Camilleri, sabiex dan jagħmel tajjeb għas-sehem tiegħu bħala werriet *ab intestato* ta' Anthony Camilleri).

(iii) Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuti (bħala werrieta ta' Anthony Camilleri) sabiex iħallsu lill-appellant is-somma ta' disat elef ewro (€9,000), dan kwantu għal elfejn mija u disa' ewro, u erbgħin ċenteżmu (€2,109.40) min-naħa ta' Joseph Camilleri jew is-suċċessuri tiegħu; elfejn mija u disa' ewro, u erbgħin ċenteżmu (€2,109.40) min-naħa ta' Anselmu Camilleri; elfejn mija u disa' ewro, u erbgħin ċenteżmu (€2,109.40) ulied il-mejta Carmen Vella Haber bejniethom (Joyce Darmanin, Frances Arpa u Dr. Michael Vella Haber) u elfejn mija u disa' ewro, u erbgħin ċenteżmu (€2,109.40) ulied il-mejjet Angelo Camilleri (jiġifieri Wilfred Camilleri, Joseph Camilleri, Francis Camilleri u Mary Rita Zammit.

Bl-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu kollha mill-konvenuti solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm